MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Numru. 571/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Theresa Sciberras)**

**vs**

**Noel Attard**

Kumpilazzjoni Nru: 571/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Noel Attard ta’ 43 sena, iben Benedict u Marija Teresa nee’ Pace, residenti fil-fond numru 6 Fra Francesco Wizzino Street, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 406666M.

Akkuzat talli f’ dawn il-gzejjer f’ San Pawl il-Bahar bejn 1 ta’ April 2010 u l-1 ta’ Gunju 2010 f’ xi hin approprja ruhu billi dawwar ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu that titolu

li jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li sar uzu minnu specifiku.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta’ Grandfather clock liema serq jammonta ghal madwar 2330 euros ghad-dannu ta’ Suzanne Eleanor D’Arcy u li hu aggravat bil-lok u bil-valur.

Rat l-artikoli 261(c)(e), 267, 269, 293, u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’dan il-kaz huma relattivament semplici. L-imputat kera appartament u garaxx minghand certa Suzanne Elenor Darcy Bonavia; dan l-appartament u l-garaxx kienu San Pawl il-Bahar. Fost l-ghamar li kien hemm f’dan l-appartament kien hemm grandfather clock. L-imputat zamm dan l-appartament u garaxx minn Mejju tas-sena 2006 sal-31 ta’ Mejju 2010. L-imputat kien inghata l-permess mis-sid biex icaqlaq xi affarijiet li ma kienux ta’ bzonn ghalih minn go l-appartament u jnizzilhom fil-garaxx li huwa kien jikri minghandha; fil-fatt l-imputat hekk ghamel. Meta Bonavia nghatat lura l-pusess ta’l-appartament u l-garaxx, irrizultalha li l-grandfather clock kien nieqes ghalhekk hija ghamlet rapport lill-pulizija. Dan il-grandfather clock eventwalment instab f’garaxx ta’l-imputat f’Pembroke[1]. Jidher li tul il-lokazzjoni ma kienx hemm disgwid bejn il-partijiiet (hlif ghal okkazzjoni wahda meta l-imputat kien tardiv fil-hlas tal-kera) pero lejn l-ahhar tal-lokazzjoni kienu nqalghu xi

[1] Kien l-imputat stess, meta rilaxxja t-tieni stqarrija, li qal lill-pulizija fejn qieghed il-grandfather clock.

problemi bejniethom minhabba pretensjoni ta'l-imputat dwar hlas ta' television li huwa kien akkwista u li kellu jithalla f'l-appartament. Eventwalment Bonavia ukoll ressqet xi pretensjonijiet taghha fil-konfront ta'l-imputat u dan dwar kontijiet ta' dawl u ilma u danni allegatament ikkawzati mill-imputat; dwar dawn il-pretensjonijiet hija intavolat proceduri civili.

Illi dawn il-fatti ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom; l-imputat pero qed jikkontesta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghaliex qed jallega li kien hemm raguni legittima a bazi ta' liema huwa ha l-grandfather clock fil-garaxx tad-dar tieghu f'Pembroke: huwa jghid li Suzanne Bonavia kienet qaltlu li l-arlogg ma kienx jahdem u kien ghar-rimi ghalhekk meta gie biex jerga' jmur lura lejn daru u cioe meta beda joqrob it-tmiem tal-perjodu lokatizju huwa garr l-arlogg ukoll.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma tnejn: appropjazzjoni indebita u serq.

Illi dawn ir-reati t-tnejn huma karatterizzati minn vjolazzjoni ta' dritt ta' propjeta pero huma reati indipendenti u distinti minn xulxin.

Illi huwa pacifiku li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluza tal-haga ta' haddiehor, maghmula invito domini, bi skop ta' lukru. Fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo *this is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner thereof* [2].

Illi dwar l-appropjazzjoni indebita huwa pacifiku ukoll fis-sistema giuridika taghna li biex jissussisti dan ir-reat irid jigi pruvat li persuna tkun

1. irciviet flus jew xi haga minghand xi hadd;
2. bl-obbligu li trodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li taghmel uzu minnhom b'mod specifiku; u

[2] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 270.

3. minflok ma taghmel hekk, iddawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghaliha jew ghal haddiehor[3].

Illi d-differenza bejn dawn iz-zewg reati tista' tigi sintetizzata fi kliem Francesco Antolisei:

*Ambedue questi reati, … , presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario.*[4]

Illi dan l-awtur (Antolisei) jghallem li

*… puo' affermarsi con sufficiente sicurezza che per l'esistenza del possesso … occorrono due elementi: a) un potere di fatto (signoria sulla cosa, che si manifesta in un' attivita' corrispondente all' esercizio della propieta o di altro diritto reale); b) un animus correlativo, e precisamente l'animo di comportarsi come titolare del diritto di propieta' o di un altro diritto reale. Colui che esplica il potere di fatto sulla cosa senza essere sorretto dall'animo anzidetto, e' un semplice detentore. In tale caso si ha quella ipotesi di possesso indiretto, e' cioe di possesso esercitato per il tramite di altra persona …*[5]

*… La detenzione per il diritto penale viene a ridursi alle ipotesi nelle quali il potere di fatto sulla cosa si esplica entro la sfera di sorveglianza del possessore: e cioe quando colui che dispone materialmente della cosa non e' altro che uno strumento, una longa manus del possessore.*

*Adottando questo criterio discretivo, si guinge che, anche per il diritto penale, non hanno il possesso ma sono semplici detentori --- per riferirsi ai casi che piu hanno dato lugo a discussione --- i domestici e gli opstiti che si trovano in casa, il commesso e l'operaio che dispongono*

[3] Ref Pulizija vs Enrico Petroni Appell Kriminali deciza 09.06.1998.
[4] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Speciale Vol I pagna 354.
[5] Op cit pagna 289.

*della cosa sotto l'immediata sorveglianza dell'imprenditore o di un suo rappresentante, il frequentatore della biblioteca che ha in consegna un libro per cocnsultarlo nella sala di lettura. …*

*… Per l'incontro, tutti coloro che esercitano la signoria di fatto sulla cosa in modo indipendente, cioe tutti coloro che ne hanno una disponibilita autonoma, sono possessori. Tale qualifica spetta, percio' anche al depositario,* ***al locatario***[6]*, al comoditario e al mandatario. …*[7]

*… Da questa nozione deriva che non son possessori, ma semplici detentori coloro che dispongono della cosa entro la sfera di sorveglianza del possessore. Queste persone non avendo il possesso se si appropiano della cosa commettono il reato in esame. In conseguenza risponde di furto e non di appropiazione indebita ad esempio … il commesso o l'operaio che sottrae un oggetto che ha a sua disposizione nella bottega o nell'ufficina…*[8]

Illi f'dan is-sens ukoll l-imsemmi Professur Mamo jkompli jispjega li

*ownership of property being an inalienable right, it is manifest that the consent of the owner to the taking of the thing by an other … excludes the crime of theft. …. There are however cases in which exceptionally the fact that the owner has parted with the possession of the thing does not negative theft. These are when the delivery of possession is general and not special … Thus the servant who has the charge of all the chattels existing in the place where he is employed, he would be guilty of theft if he were to take away any of them…*[9]

Illi dwar ir-reat ta' appropjazzjoni indebita Antolisei jghid li

*La vera essenza del reato, infatti, consiste nell'abbuso del possessore* (li kif fuq spjegat jista' jkun anke l-lokatarju) *il*

---

[6] Sottolinear tal-Qorti.
[7] Op cit pagna 291.
[8] Op cit pagna 306.
[9] Ref Notes of Criminal Law op cit pagna 282.

*quale dispone della cosa come se fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si aroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio. ...*[10]

*... L'appropriazione indebita ... e' in generale ipotizabbile quando il titolo implica il trasferimento del solo possesso: nell' usufrutto,* ***nella locazione***[11]*, nel mandato, nel pegno, nel deposito, nel commodato, nel contratto di lavoro ecc*[12]

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami jidher car li l-fatti ta' dan il-kaz jistghu jaghtu lok appropjazzjoni indebita izda mhux ghal serq ghaliex l-imputat, in kwantu lokatarju (inkwilin), inghata l-pussess (kif fuq spjegat: *la signoria di fatto*) ta'l-appartament u tal-garaxx ta' Bonavia bil-kontenut kollu taghhom.
Illi ezami tal-provi juri ukoll, minghajr l-ebda dubbju, li l-imputat appropja ghalih oggett li kien jappartjeni lil (propjeta ta') Susanne Bonavia meta dan l-oggett kien fil-pussess tieghu. Konsegwentement huma pruvati l-elementi materjali kollha tar-reat in ezami, l-appropjazzjoni indebita.

Illi biex l-imputat jinstab hati huwa necessarju ukoll d-*dolo,* l-element intenzjonali, li ai fini ta' dan ir-reat huwa l-konsapevolezza li qed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-persuna li tkun ikkonsenjat l-oggett jew il-flus.

Illi f'dan ir-rigward Luigi Maino jghallem li:

*Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto in oltre di*

[10] Op cit pagna 336.
[11] Sottolinear tal-Qorti.
[12] Op cit pagna 339.

*elemento obiettivo, non incorrera in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dall'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita … …il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta;… …. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo*[13].

Illi dwar dan l-aspett l-abbli difensur ta'l-imputat ghamel referenza ampja ghal dan il-bran hawn fuq riprodott u anke ghamel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali mghotija fit-23 ta' Dicembru 2003, fil-kawza *Il-Pulizija vs Avv Dr Siegfried Borg Cole*. Huwa fil-fatt jissottometti li l-kaz in ezami huwa propju wiehed minn dawk imsemmi minn Maino u cioe kaz ta' indole civili fejn l-imputat zamm, in kwantu kreditur ta' Bonavia ghall-prezz tat-television, oggett taghha (il-grandfather clock) bhala garanzija ghall-hlas ta' dak il-kreditu b'l-intenzjoni li jirritorna dak l-arlogg meta jithallas is-somma li huwa kien qed jippretendi minghand Bonavia.

Illi dwar x'kienet l-intenzjoni ta' l-imputat u x'wassal biex huwa appropja ruhu minn dak l-arlogg wiehed necessarjament ghandu jhares lejn dak li qal l-istess imputat li mhux biss irrilaxxja zewg stqarrijiet imma anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

[13] Ref Commento al Codice Italiano Vol IV pagna 105

Illi jibda biex jinghad li f'l-ewwel stqarrija l-imputat innega li kien jaf b'l-ezistenza ta' dan il-grandfather clock jew li qatt kien f'l-appartament ta' Bonavia. Meta kien qed jirilaxxja t-tieni staqrrija huwa ammetta li kien hemm grandfather clock f'l-appartament ta' Bonavia u li meta kien qed igorr l-affarijiet tieghu f'l-ahhar xhur tal-lokazzjoni huwa ha dan l-arlogg f'garaxx tieghu f'Pembroke (ghalkemm f'l-istqarrija jghid Swieqi) bhala garanzija biex Bonavia taghtih il-flus tat-television[14].

Illi l-imputat ghazel li jaghti d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti (naturalment taht gurament). Huwa f'l-ewwel lok iddeskriva dan l-arlogg  bhala wiehed li fil-bicca ta' taht ghandu z-zebgha maqlugha minhabba l-hasil ta'l-art, u li ma jahdimx. Hu qal ukoll li Bonavia qaltlu li dak l-arlogg kien bicca imbarazz u li huwa ghar-rimi.[15] Tul id-depozizzjoni tieghu l-imputat baqa' jinsisti li huwa fehem li l-arlogg kien ghar-rimi u kien ghalhekk li hadu. Mistoqsi (in kontro-ezami) specifikatament biex jikkonferma dak li huwa qal waqt li kien qed jirilaxxja t-tieni stqarrija u cioe li ha l-arlogg bhala garanzija ghall-hlas tal-prezz tat-television huwa baqa jinsisti li le; fi kliemu "*le ghax jien hsibt li kien ghar-rimi*"[16]. L-imputat mar oltre u qal li huwa ma kienx jaf x'kien qed jghid waqt li kien qed jirrilaxxja l-istqarrijiet tieghu; ghamel referenza ghall-*genn shih* li kellu f'hajjtu f'dak il-perjodu minhabba separazzjoni, ferm kontenzjuza, minn ma' martu, it-traslog li kellu jaghmel fi zmien qasir u dan waqt l-ezamijiet tat-tfal, apparti l-fatt li din kienet l-ewwel darba li kien qed jigi interrogat mill-pulizija u huwa kien imwerwer. Qal ukoll li ghakemm inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat huwa ma kellux opportunita vera u propja li jikkonsulta ma'l-avukat u aktar kompla jithawwad u jitgerfex.

Illi l-istess ma jistaghx jinghad ghal meta kien qed jiddeponi; d-depozizzjoni tieghu ta kwazi tmintax il-xahar wara li l-incidenti li huwa semma' u li kienu qed jikkawzawlu tant apprensjoni, u anke wara li kellu kull

[14] Ref stqarrija esebieta bhala Dok TS2 a fol 18 tal-process.
[15] Ref is-sitt paragrafu tad-depozizzjoni a fol 70 tal-process.
[16] Ref it-tielet paragrafu tad-depozizzjoni a fol 81 tal-process.

opportunita li jikkonsulta ma'l-avukat tieghu mhux b'semplici telefonata ta' ftit minuti f'sitwazzjoni ta' ansjeta u tensjoni kbira, imma fuq medda ta' kwazi tmintax il-xahar waqt u wara li kienu nstemghu l-provi kollha tal-prosekuzzjoni. F'dan l-i*stato d'anima* aktar trankwill l-imputat mhux biss innega diversi drabi li huwa ha l-arlogg bhala garanzija ghall-hlas tal-prezz tat-television imma insista ghall-aktar drabi li huwa ha l-arlogg ghax minghalih li kien ghar-rimi, iddispjacih li kien ghar-rimi, u hadu[17].

Illi ghalhekk minkejja dak li ssottometta d-difensur ta'l-imputat waqt it-tratazzjoni ma jistghax jinghad li l-imputat ha l-arlogg bhala garanzija ghall-hlas ta' kreditu tieghu u konsegwentement l-eccezzjonijiet imsemmija fil-bran fuq kwotat minn Maino (dwar kazijiet ta' indole civile) ma japplikawx ghall-kaz in ezami. In oltre l-fatt li l-imputat kellu l-impressjoni li l-arlogg kien ghar-rimi ma jinnegax il-fatt li huwa kien jaf li dak l-arlogg ma kienx tieghu u li konsegwentement id-decizjoni jistghax jiehdu jew le kienet tispetta unikament lil Bonavia bhala propjetarja ta' dak l-arlogg. Ghandu jinghad ukoll li l-imputat irikonoxxa valur f'dak l-arlogg (u allura *il fine di lucro*) altrimenti kien ihallih hemm u mhux joqghod jiehu l-isbriga li jiehdu mieghu. F'dawn ic-cirkostanzi, u skond ma ddepona b'gurament l-imputat, fil-fehma tal-Qorti l-element intenzjonali huwa pruvat ukoll u konsegwentement l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata.

Illi ai fini ta'l-artikolu 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti taghmel referenza ghad-dikjarazzjoni tal-partijiet li permezz taghha qablu li l-valur ta' l-arlogg in ezami jeccedi € 232.94 izda ma jeccediex €2329.37.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-arlogg in ezami gie ritornat lil sidu, u hadet in konsderazzjoni ukoll il-fedina penali ta'l-imputat li ghakemm mhiex netta lanqas m'hi wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah

[17] Ref l-ahhar paragrafu fid-depozizzjoni a fol 79 tal-process.

minnha, wara li rat l-artikoli 293 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------